



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14028/20

SAN 473
PHARM 71
SOC 811
MI 568
FRONT 344
COVID-19 56

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 786 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Niproteġu ruġna mill-COVID-19 fix-xitwa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 786 final.

Mehmuż: COM(2020) 786 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.12.2020
COM(2020) 786 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Niproteġu ruħna mill-COVID-19 fix-xitwa

1. SITWAZZJONI FRAĠLI

Qed noqorbu lejn tmiem l-2020, u d-dinja għadha qed taffaċċja **pandemija globali li qiegħda tkompli tikber**. Filwaqt li sirna nafu aktar dwar il-virus tas-SARS-CoV-2, u s-sistemi tal-kura tas-saħħa madwar l-UE saru aktar ippreparati, in-numru kbir ta' każijiet jista' jixħet taħt pressjoni inkredibbli anki l-aktar sptar preparat u jkisser anki l-istrateġiji mfassla bl-akbar reqqa.

Fl-UE, kull 17-il sekonda persuna tmut minħabba l-COVID-19. Huwa essenzjali li nikkontrollaw il-firxa tal-virus u li jiġu evitati aktar imwiet u każijiet ta' mard serju. L-istaġun tal-vaganzi li ġej jippreżenta riskji partikolari f'dan il-kuntest hekk fraġli, minħabba t-tnaqqis fit-temperatura u l-qrubija soċjali li dan l-istaġun iġib miegħu. Dan se jkun staġun tal-festi differenti; wieħed fejn ir-responsabbiltà individwali u kollettiva ssalva l-ħajjiet. **Din il-Komunikazzjoni tipprovi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri bl-għan li dawn iżommu n-numru ta' każijiet tal-COVID-19 baxx u jevitaw milli jtiflu l-progress li kisbu s'issa u li ġie jiswiehom ħafna.** Fil-bidu tas-sena d-dieħla se jiġu ppreżentati aktar rakkomandazzjonijiet sabiex jitfassal qafas komprensiv ta' kontroll tal-COVID-19 ibbażat fuq l-għarfien u fuq l-esperjenza miksuba s'issa, u anki fuq l-aħħar linji gwida xjentifiċi disponibbli.

Il-miżuri stretti ta' kontroll, implimentati mill-pajjiżi madwar l-UE minn Marzu ta' din is-sena 'l quddiem, b'reazzjoni għall-ewwel mewġa tal-pandemija, irnexxielhom inaqqsu b'suċċess il-firxa tal-virus u jnaqqsu drastikament in-numru ta' każijiet tal-COVID-19 u ta' kemm iddaħħlu persuni l-isptar għall-kura, filwaqt li salvaw il-ħajjiet madwar il-kontinent kollu.

In-numri ġew stabbli matul il-perjodu tas-sajf. L-illaxkar tar-restrizzjonijiet – iffaċilitat parzjalment mit-temperaturi tas-sajf – ta spinta tassew meħtieġa għall-benesseri soċjali tal-Ewropej, u għall-ekonomiji li ntlaqtu ħażin ferm mill-pandemija. Madankollu, iż-żieda fin-numri matul il-ħarifa turi r-riskju ta' x'jiġri jekk ma tiġix antiċipata sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tinbidel malajr, u **l-ħtieġa li kwalunkwe llaxkar tal-miżuri jseħħ biss jekk kemm l-evoluzzjoni tal-pandemija kif ukoll il-pajjiż ikollu kapaċità suffiċjenti għall-ittestjar, għat-traċċar tal-kuntatti u għall-kura tal-pazjenti.** Is-servizzi tas-saħħa u l-ħaddiema tas-saħħa reġgħu spiċċaw taħt pressjoni enormi. B'riżultat ta' dan, f'Ottubru ħafna pajjiżi Ewropej reġgħu introduċew lockdowns ġodda u restrizzjonijiet soċjali stretti.

L-aħħar numri epidemjoloġiċi jindikaw li r-restrizzjonijiet marbuta mal-COVID-19 u li ġew introdotti mill-ġdid minn Ottubru qed jibdew inaqqsu t-trażmissjoni tal-virus. Barra minn hekk, il-produtturi tal-vaċċin tal-COVID-19 bdew jippubblikaw riżultati promettenti f'termini tal-effikaċja tal-vaċċin. Matul dawn l-aħħar ġimgħat, Pfizer/BioNTech¹ u Moderna² ħabbru fl-istampa li l-ewwel riżultati qed juru rata ta' effikaċja tal-vaċċin ta' madwar 95 %, b'effetti sekondarji minimi; warajhom l-AstraZeneca³ ħabbret li t-tilqima kandidata tagħhom uriet effikaċja medja ta' 70 %. Dawn, u vaċċini oħra, se jgħaddu progressivament mill-proċess rigoruż ta' rieżami mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini sabiex jiġi żgurat li huma sikuri u effettivi. Fil-ġimgħat li ġejjin, u dment li jkun hemm valutazzjoni xjentifika indipendenti pożittiva, għandna naraw l-ewwel awtorizzazzjoni ta' vaċċin sikur u effettiv kontra l-COVID-

¹ <https://www.pfizer.com/news/press-release/press-release-detail/pfizer-and-biontech-announce-vaccine-candidate-against>

² <https://investors.modernatx.com/news-releases/news-release-details/modernas-covid-19-vaccine-candidate-meets-its-primary-efficacy>

³ <https://www.astrazeneca.com/media-centre/press-releases/2020/azd1222h1r.html>

19 fl-UE, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom eventwalment ikollhom aċċess għall-vaċċini, bis-saħħa tal-vaċċini li nxitraw mill-UE bil-quddiem.

Filwaqt li l-gruppi ta' prijorità jistgħu jibdwu jirċievu vaċċini ftit wara li jiġu awtorizzati, se jgħaddi ż-żmien qabel ma l-vaċċini kontra l-COVID-19 ikunu disponibbli b'mod aktar mifruż. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġu strateġija ta' tranżizzjoni sabiex jimmaniġġaw is-sitwazzjoni għax-xhur li ġejjin sakemm il-vaċċini jkunu disponibbli b'massa kritika suffiċjenti u jibdwu jinħassu l-effetti protettivi tagħhom.

Din il-Komunikazzjoni ssegwi l-gwida u r-rakkomandazzjonijiet ippubblikati mill-Kummissjoni f'April⁴, f'Lulju⁵ u f'Ottubru⁶ dwar il-miżuri tal-COVID-19. Hija tistabbilixxi **għadd ta' miżuri li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa, meta jfasslu l-approċċi nazzjonali tagħhom lejn mod aktar sostenibbli għall-ġestjoni tal-pandemija matul ix-xhur li ġejjin, inkluż il-perjodu tal-festi ta' tmiem is-sena.** Tkopri kemm restrizzjonijiet fuq il-ħajja soċjali u ekonomika kif ukoll azzjonijiet sabiex jissaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa fir-rispons tagħhom għall-ġlieda kontra l-pandemija. Meħudin flimkien, u fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa fil-livell Ewropew, huma jappoġġaw approċċ koordinat għall-miżuri ta' konteniment tax-xitwa u għat-trażżin ta' tifqigħat ġodda ta' infezzjonijiet bil-COVID-19 fl-UE.

Bħal qabel, **id-deċiżjonijiet iridu jittieħdu b'mod koordinat u mmirat.** Miżuri iżolati se jdgħajfu r-rispons globali għall-pandemija, jiżvijaw il-progress miksub u jwasslu għal perjodu itwal ta' inċidenza għolja bil-konsegwenzi negattivi magħrufa kollha. **Il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE u mar-reġjuni ġirien hija essenzjali għall-mitigazzjoni ta' problemi transfruntiera,** ta' żieda kontinwa fin-numru ta' każijiet u ta' impatti ekonomiċi u soċjali negattivi sostnuti. Għalhekk, il-pajjiżi ġirien tal-UE, speċjalment dawk li jipparteċipaw fil-Kumitat tal-UE għas-Sigurtà tas-Saħħa bħala osservaturi, huma mistiedna wkoll jallinjaw ma' dawn il-miżuri.

2. IT-TBEGĦID FIŻIKU U L-LIMITAZZJONI TAL-KUNTATTI SOĠJALI JIBQGĦU IMPORTANTI

Il- miżuri attwali implimentati madwar l-UE għandhom l-għodda ewlenija tas-saħħa pubblika għall-ikkontrollar u għall-ġestjoni tat-tifqigħat tal-COVID-19. Dawn jinkludu miżuri ta' tbeġhid fiżiku u limitazzjonijiet fil-kuntatti soċjali, l-użu mifruż tal-maskri, l-użu ta' soluzzjonijiet ta' telexogħol kull fejn ikun possibbli, l-għeluq ta' postijiet pubbliċi, u l-limitazzjonijiet tan-numru ta' persuni permessi li jinġemgħu f'postijiet fuq ġewwa kif ukoll fuq barra; dan kollu jkun akkumpanjat minn aktar ittestjar u traċċar tal-kuntatti. L-importanza ta' dawn il-miżuri ma tistax tiġi esaġerata, billi dawn urew li huma kruċjali biex inaqqsu r-ritmu tat-tixrid tal-virus u biex isalvaw il-ħajjiet.

Filwaqt li huma effettivi, uħud minn dawn il-miżuri għandhom impatt negattiv konsiderevoli fuq il-benesseri ġenerali tan-nies, fuq il-funzjonament tas-soċjetà, u fuq l-ekonomija. Madankollu, it-trażmissjoni rapida tal-virus u r-riskju konsegwenti jistgħu jiżiedu minħabba tradizzjonijiet kulturali bħaċ-ċelebrazzjonijiet tal-aħħar tas-sena u l-kongregazzjonijiet. L-

⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020JC0011>

⁵ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0318>

⁶ <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-additional-covid-19-response-measures.pdf>

okkażjonijiet pubbliċi tas-soltu se joħolqu riskju inevitabbli li jsiru avvenimenti ta' "tixrid bla rażan", b'impatt fuq dawk li jieħdu sehem, u fuq is-soċjetà b'mod ġenerali. Il-kundizzjonijiet tat-temp aktar kisħin ifissru wkoll li dawn il-ġemgħat spiss jitlaqqgħu fuq ġewwa, fejn ir-riskji tat-trażmissjoni huma ferm akbar.

Għalhekk, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) enfasizza li **l-użu ta' "interventi mhux farmaċewtiċi", li jinkludu l-miżuri attwali, għandu jkun iggwidat minn data dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika lokali u jqis il-livelli ta' trażmissjoni komunitarja.**⁷ Minbarra s-sitwazzjoni epidemjoloġika, kwalunkwe deċiżjoni dwar l-istrateġija ottimali għall-implimentazzjoni ta' miżuri mhux farmaċewtiċi trid tqis il-karatteristiċi tal-popolazzjoni li tkun fil-mira. L-għan għandu jkun li jiġi implimentati miżuri mhux farmaċewtiċi bl-aktar mod effettiv u mmirat, filwaqt li jiġi mminimizzat l-impatt personali, soċjali u ekonomiku tagħhom. L-approċċ li tant innexxa, **dak li: jiġi evitati l-ispazji magħluqa, il-postijiet iffullati, u anki l-postijiet ta' kuntatt mill-qrib** għandu jerġa' jitħaddem bis-saħħa.

Sabiex tirnexxi kwalunkwe azzjoni, huwa kruċjali li jiġi konvinti ċ-ċittadini u l-komunitajiet. Dan huwa aktar probabbli li jinkiseb jekk il-miżuri jkunni ċari, proporzjonati, ikkomunikati b'mod trasparenti u ma jinbidlux il-ħin kollu. Għalhekk, ikun utli għall-Istati Membri li jistabbilixxu, u jikkomunikaw, għanijiet kwantifikati u miri epidemjoloġiċi, filwaqt li jqisu l-kapaċità lokali u nazzjonali tas-sistemi pubbliċi tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa. Idealment, l-analiżi tax-xejriet tal-mobilità u tar-rwol kemm fit-tixrid tal-marda kif ukoll fit-trażżin tagħha idealment għandha tkun waħda li tikkontribwixxi għal miżuri mmirati bħal dawn. Il-Kummissjoni użat data anonimizzata u aggregata mill-operaturi tan-networks mobbli biex tikseb għarfien dwar il-mobilità⁸ u biex tibni għodod sabiex tinforma miżuri mmirati aħjar, fi Pjattaforma għall-Viżwalizzazzjoni tal-Mobilità, li hija disponibbli għall-Istati Membri. L-għarfien dwar il-mobilità jkun utli wkoll fil-monitoraġġ tal-effettività tal-miżuri ladarba jiġi imposti.

L-ECDC enfasizza li dawk li jfasslu l-politika għandhom iżommu f'moħħhom li jista' jkun hemm dewmien sa 40 jum bejn l-introduzzjoni ta' miżuri u effett osservat fuq it-trajettorja tal-epidemija – konsiderevolment itwal mill-perjodu ta' inkubazzjoni tal-infezzjoni. Dan jista' jkun relatat ma' kemm jgħaddi sa ma tibda tinbidell-imġiba inġenerali, sa ma jiqsaru l-ktajjen tat-trażmissjoni, u sa ma jibda jsir ir-rapportar⁹. Hija tagħlima dwar kemm huwa importanti li jiġi vvalutat bir-reqqa l-impatt ta' miżura qabel ma din tibda titneħħa gradwalment.

Filwaqt li r-rati ta' infezzjoni bil-COVID-19 qed jibdwew jistabbilizzaw bil-mod f'xi pajjiżi tal-UE, għalkemm f'livelli assoluti u għoljin, kwalunkwe tnaqqis li jista' jseħħ fir-restrizzjonijiet ta' bħalissa jeħtieġ li jsir b'attenzjoni kbira sabiex jiġi żgurat li fil-ġejjieni t-tifqigħat jinżammu kemm jista' jkun jibqgħu minimi u taħt kontroll. Publikazzjoni riċenti mill-ECDC¹⁰ turi li, fuq il-bażi ta' mudellar matematiku u tas-sitwazzjoni epidemjoloġika kurrenti, li kieku l-pajjiżi kellhom ineħħu l-miżuri kollha tagħhom fis-7 ta' Diċembru, dan jista' jwassal biex jiżdiedu r-rati ta' persuni li jidħlu -isptar għall-kura qrib l-24 ta' Diċembru. Min-naħa l-oħra, li kieku l-pajjiżi kellhom ineħħu l-miżuri kollha tagħhom fil-21 ta' Diċembru,

⁷ <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/covid-19-guidelines-non-pharmaceutical-interventions-september-2020.pdf>. Ara l-infografika fl-Anness.


⁸ <https://ec.europa.eu/jrc/en/news/coronavirus-mobility-data-provides-insights-virus-spread-and-containment-help-inform-future>

⁹ <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/covid-19-guidelines-non-pharmaceutical-interventions-september-2020.pdf>

¹⁰ <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/covid-forecasts-modelling-november-2020.pdf>

b'konsegwenza ta' hekk f'dawk il-pajjiżi jiżdiedu l-ammissjonijiet fl-isptar minħabba l-COVID-19 sa mill-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2021. **Dawn is-simulazzjonijiet juru li, fil-kuntest epidemjoloġiku attwali fl-UE, huwa diffiċli li wieħed jiġġustifika t-tneħħija tal-miżuri ta' kontroll.** L-Istati Membri huma mħeġġin jużaw mudelli bbażati fuq ix-xenarji sabiex jinformaw id-deċiżjonijiet¹¹.

Illustrazzjoni 1: Iż-żieda mill-ġdid li potenzjalment tokkorri bħala riżultat tat-tneħħija tal-miżuri għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' tmiem is-sena (sors: ECDC)



Dan li ġej jistabbilixxi gwida ta' politika rigward interventi mhux farmaċewtiċi li huma partikolarment rilevanti għall-istaġun li ġej ta' tmiem is-sena, u xi wħud mill-Istati Membri diġà bdew jikkunsidraw li jimplimentawha. Il-Kummissjoni tħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw din il-gwida.

AZZJONIJIET RAKKOMANDATI LILL-ISTATI MEMBRI

- Isegwu miżuri dwar it-tbeġhid fiżiku, l-użu tal-maskri, il-ħasil tal-idejn u miżuri oħrajn dwar l-iġjene billi dawn għadhom importanti ħafna għall-konteniment tat-tixrid tal-virus fost persuni li jinġemgħu minħabba raġunijiet soċjali, kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra, u f'familji b'persuni f'riskju ogħla.
- Jistabbilixxu miżuri li jiżguraw kura xierqa għall-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari f'każ ta' restrizzjonijiet u ta' għeluq ta' xi spazji; eż. l-anzjani li jgħixu waħedhom jew f'kura residenzjali (għax kollha jeħtieġu aċċess kontinwu għall-kura tas-saħħa u għall-kura soċjali, u anki miżuri għall-prevenzjoni kontra s-solitudni u l-iżolament), persuni li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali u dawk li m'għandhomx dar. Jiżguraw ukoll li l-persuni b'diżabilità jingħataw l-attenzjoni u l-informazzjoni xierqa f'formati aċċessibbli.
- Jikkunsidraw il-projbizzjoni ta' kwalunkwe avveniment tal-massa, u jiddefinixxu kriterji ċari għall-avvenimenti eċċezzjonali li jkun jistgħu jibqgħu għaddejnin, eż. in-numru massimu ta' nies li jistgħu jiltaqgħu soċjalment fuq ġewwa u fuq barra, u miżuri speċifiċi ta' kontroll.
- Jiddefinixxu kriterji ċari għal laqgħat soċjali żgħar, avvenimenti żgħar, eż. in-numru

¹¹ Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea ppubblika sett ta' għodod ta' mudellar matematiku b'sors miftuħ għall-immudellar ibbażat fuq ix-xenarji: <https://github.com/ec-jrc/COVID-19>

massimu ta' nies li jistgħu jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar it-tbeġid fiżiku u dwar l-użu tal-maskri.

- Ikomplu jistabbilixxu kriterji ċari għal meta jiltaqgħu l-familjari (jiġifieri n-numru massimu ta' persuni f'kull laqgħa tal-familji).
- Jekk jikkunsidraw kwalunkwe llaxkar temporanju tar-regoli dwar l-okkażjonijiet u l-avvenimenti soċjali, dan għandu jkun akkumpanjat minn rekwiżiti stretti għan-nies għall-awtokwarantina qabel u wara, għal numru ta' jiem (idealment tal-anqas sebgħa).
- Ihegħgu lill-impjegaturi jawtorizzaw lin-nies sabiex jaħdmu mid-dar jew mill-post fejn ikollhom l-intenzjoni li jqattgħu żmien il-festi ta' tmiem is-sena għal xi jiem minn qabel u wara – idealment madwar sebat ijiem, kull meta dan ikun possibbli. Dan jippermetti lill-ħaddiema jagħmlu awtokwarantina qabel ma jiltaqgħu soċjalment jew mal-familjari, qabel jattendu xi avvenimenti u/jew qabel ma jmorru lura fuq il-postijiet tax-xogħol. Meta t-telexogħol ma jkunx possibbli, l-impjegaturi għandhom jistabbilixxu miżuri li jippermettu ritorn sikur għax-xogħol¹².
- Jekk jikkunsidraw li jillaxkaw ir-restrizzjonijiet, jimplimentaw l-użu ta' "ċrieki protettivi familjari", li jfisser li n-nies ikunu mħeġġin iqattgħu l-jiem tal-festi mal-istess nies u jnaqqsu kuntatti soċjali oħrajn.
- Ifakkru liċ-ċittadini li għandhom joqogħdu partikolarment attenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntatti ma' membri tal-familja akbar fl-età jew ma' daww li jappartjenu għal gruppi speċifiċi li jinsabu f'riskju għal COVID-19 sever, bħal persuni b'mard kroniku¹³.
- Jintroduċu jew iżommu l-curfews ta' bil-lejl.
- Jipprovd u għid u pariri dwar iż-żjarat fid-djar u dwar il-viżitaturi li jkun anki se jqattgħu il-lejl hemmhekk (b'mod partikolari fil-każ ta' curfews ta' bil-lejl).
- Ihegħgu l-organizzazzjoni ta' appuntamenti u ta' avvenimenti soċjali online, bħaċ-ċelebrazzjonijiet ta' tmiem is-sena fuq il-post tax-xogħol.
- Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' trażmissjoni fil-perjodu ta' wara l-istaġun tal-festi, jikkunsidraw l-estensjoni tal-vaganzi tal-iskejjel jew jintroduċu perjodu ta' apprendiment online bħala mezz ta' introduzzjoni ta' perjodu ta' lqugħ u ta' evitar ta' infezzjonijiet introdotti fl-iskejjel. F'każijiet bħal dawn, se jkun importanti li tiġi speċifikata data li tkun diversi jiem qabel ma terġa' tibda l-iskola sa meta l-familji bit-tfal u l-edukaturi jintalbu jirritornaw lura d-dar f'każ li jkun vvjaġġaw.
- Fil-każ ta' ċeremonji, jikkunsidraw li jevitaw servizzi kbar, inkella jużaw xandiriet online, fuq it-TV jew fuq ir-radju, billi jallokaw postijiet speċifiċi għal familji li jiġu minn xulxin mill-viċin ("ċrieki protettivi familjari") sabiex ipoġġu flimkien, u jipprojbixxu l-kant komunal. L-użu tal-maskri huwa partikolarment rilevanti matul dawn it-tipi ta' okkażjonijiet fejn jiltaqgħu l-ġemgħat.

3. IT-TISĦIĦ TAL-ITTESTJAR U TAT-TRAĊĊAR TAL-KUNTATTI

L-ittestjar u t-traċċar tal-kuntatti għadhom elementi kruċjali għall-monitoraġġ, għall-konteniment u għall-mitigazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19. It-traċċar tal-kuntatti b'lura u 'l quddiem huwa **għodda essenzjali sabiex jiġu skoperti clusters ta' infezzjonijiet u sabiex tiġi evitata trażmissjoni ulterjuri.**

¹² <https://osha.europa.eu/mt/publications/covid-19-back-workplace-adapting-workplaces-and-protecting-workers/view>

¹³ <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19/latest-evidence>

L-ittestjar effettiv għandu wkoll rwol importanti fil-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku peress li jippermetti li jittieħdu miżuri mmirati ta' iżolament jew ta' kwarantina. L-ittestjar u t-traċċar tal-kuntatti se jkunu fundamentali għall-istrateġiji ta' kontroll, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-impatt ta' kwalunkwe llaxkar tal-miżuri. Kif enfasizzat ukoll mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar miżuri addizzjonali għall-COVID-19¹⁴, adottata fit-28 ta' Ottubru, hija meħtieġa azzjoni rapida mill-pajjiżi tal-UE, sostnuta mill-Kummissjoni, sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet attwali fl-aċċess għall-ittestjar, fil-kapaċitajiet ta' ttestjar, nuqqasijiet fil-materjali ta' ttestjar u ż-żminijiet twal għat-tlestija tat-testijiet (iż-żmien bejn it-talba tat-test u r-riżultat), li qed jillimitaw l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' mitigazzjoni kif ukoll it-traċċar rapidu tal-kuntatti.

F'dan il-kuntest, l-użu ta' testijiet rapidi tal-antiġeni, li huma ġenerazzjoni ta' testijiet aktar mgħaġġla u orħos għall-COVID-19, li jippermettu li jinħareġ riżultat spiss f'inqas minn 30 minuta, qed jiġi esplorat dejjem aktar mill-Istati Membri. Rakkomandazzjoni speċifika tal-Kummissjoni¹⁵, li tindirizza l-użu ta' dawn it-tipi ta' testijiet, tipprovi għidha għall-pajjiżi fir-rigward tal-użu tagħhom. B'mod partikolari, żewġ aspetti huma ta' importanzadejjem tikber: il-validazzjoni klinika indipendenti tat-testijiet u r-rikonossiment reċiprodu tar-riżultati tat-testijiet rapidi tal-antiġeni bejn il-pajjiżi. L-esperjenzi fir-rigward tar-rikonossiment reċiprodu tar-riżultati tat-testijiet rapidi tal-antiġeni kif ukoll id-*data*, l-evidenza l-għdida u l-pubblikazzjonijiet dwar l-istudji ta' validazzjoni klinika mwettqa mill-pajjiżi tal-UE jiġu kondiviżi u diskussi fuq bażi kontinwa fil-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa.

Għidha speċifika tal-ECDC dwar it-testijiet rapidi tal-antigeni¹⁶ tindika li l-aktar opportunitajiet importanti bl-użu ta' dawn it-testijiet huma li jiġu skoperti malajr każijiet infettivi ħafna u li jiġi ffaċilitat l-awto-iżolament rapidu sabiex tiġi evitata trażmissjoni ulterjuri.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri issa nedew app nazzjonali ta' traċċar tal-kuntatti u ta' twissija sabiex tikkomplementa l-miżuri manwali ta' traċċar tal-kuntatti fuq il-bażi tar-Rakkomandazzjoni¹⁷ u ta' Sett ta' Għodod, u jinsabu fil-proċess li jagħmlu konnessjoni mal-European Federated Gateway Server (EFGS). Aktar ma n-nies jużaw app, aktar hemm ċans ta' effett pożittiv fil-ġlieda kontra l-virus. B'riżultat ta' dan, aktar ma jkun hemm Stati Membri li jniedu App, u li jissiehu fl-EFGS, aktar ikunu effettivi dawn it-teknoloġiji. Sistemi effettivi ta' back office fl-Istati Membri huma essenzjali sabiex isostnu l-implimentazzjoni tat-traċċar diġitali tal-kuntatti. Huwa importanti wkoll li jkun hemm mekkaniżmi li jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni ċara u rapida dwar x'għandhom jagħmlu. Li-ċittadini huma mħeġġa jniżżlu l-app nazzjonali tagħhom u jikkontribwixxu sabiex tingħeleb il-pandemija.

AZZJONIJIET RAKKOMANDATI LILL-ISTATI MEMBRI

- *Jiżguraw biżżejjed kapaċitajiet u materjali għall-ittestjar, u jistabbilixxu mira għar-rati ta' ttestjar għal kull 100 000 ruħ.*

¹⁴ <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-additional-covid-19-response-measures.pdf>

¹⁵

https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/preparedness_response/docs/sarscov2_rapidantigentests_recommendation_en.pdf

¹⁶ <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/Options-use-of-rapid-antigen-tests-for-COVID-19.pdf>

¹⁷ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_670

- *Jiżguraw aċċess faċli u mingħajr ħlas għall-ittestjar għaċ-ċittadini b'riżultati rapidi.*
- *Jiffokaw l-isforzi fuq l-iżgurar ta' testijiet li r-riżultati tagħhom joħorġu fi żmien qasir sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni rapida ta' każijiet pożittivi tal-COVID-19; fil-każ ta' RT-PCR, iż-żmien għall-ħruġ tar-riżultati tat-testijiet għandu jkun ta' inqas minn 24 siegħa u l-użu ta' testijiet rapidi tal-antiġeni jista' jiġi esplorat f'każ ta' kapaċità limitata ta' ttestjar tal-RT-PCR u f'każ li jitwal iż-żmien sa ma joħorġu r-riżultati tat-testijiet, fejn xieraq.*
- *Jinvestigaw l-użu ta' testijiet rapidi flimkien mal-RT-PCR fejn xieraq, u jiffokaw l-isforzi fuq id-detezzjoni bikrija tal-biċċa l-kbira tal-każijiet infettivi u fuq l-awtoiżolament rapidu ta' dawn l-individwi.*
- *It-testijiet rapidi tal-antiġeni jintużaw l-aħjar f'ambjenti bi prevalenza għolja u sa ħamest ijiem wara li jfeġġu s-sintomi.*
- *It-testijiet rapidi tal-antiġeni għandhom jgħaddu minn validazzjoni klinika indipendenti u għandu jiġi żgurat rikonossiment reċiproku tar-riżultati bejn il-pajjiżi, kif elaborat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata fit-28 ta' Ottubru.*
- *Isaħħu l-użu ta' Apps ta' traċċar diġitali tal-kuntatti u ta' twissija jew tat-traċċar manwali tal-kuntatti, jekk dan ikun aktar xieraq.*

4. VJAĠĠAR SIKUR FI ĦDAN L-UE U MADWAR L-UE

Bħalissa, il-maġġoranza tal-Istati Membri jirrakkomandaw li ma jsirux vjaġġi ħliet daww essenziali, u l-maġġoranza għandhom rekwiżiti ta' traċċar u/jew ta' kwarantina għall-persuni li jaqsmu l-fruntieri. Fit-13 ta' Ottubru, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19¹⁸, li għandha l-għan li tevita frammentazzjoni u tfixkil, u li żżid iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għaċ-ċittadini u għan-negozji. Ir-Rakkomandazzjoni tiddikjara li kwalunkwe miżura li tirrestrinġi l-moviment liberu sabiex tipproteġi s-saħħa pubblika trid tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja, u trid titneħħa malli s-sitwazzjoni epidemjoloġika tkun tippermetti li jsir hekk. Fuq il-bażi tar-Rakkomandazzjoni, ta' kull ġimgħa l-ECDC qed jippubblika mappa bid-dwal tat-traffiku li tuża l-kriterji u l-livelli limiti miftiehma¹⁹.

L-Istati Membri li qed jistennew żieda fl-ivvjaġġar, kemm fi hdnhom kif ukoll bejn l-Istati Membri u, b'mod partikolari, matul l-istaġun tal-festi ta' tmiem is-sena, se jkollhom bżonn jippjanaw bil-quddiem bir-reqqa. L-ajruporti, l-istazzjonijiet tal-buses, l-istazzjonijiet tal-ferrovija, it-trasport pubbliku, l-istazzjonijiet ta' riforniment tal-fjuwil, u l-postijiet ta' mistrieħ il-koll huma postijiet fejn il-vjaġġaturi jistgħu jkunu esposti għall-virus fl-arja u fuq is-superfiċi. Dawk li jivvjaġġaw għandhom jingħataw parir rilevanti u informazzjoni f'ħin reali kemm dwar ir-restrizzjonijiet applikabbli kif ukoll dwar il-gwida għas-saħħa pubblika²⁰ u f'postijiet bħal dawn għandhom jiġu osservati bir-reqqa l-applikazzjoni tat-tbeggħid fiżiku, l-ilbies tal-maskri u r-regoli stretti dwar l-iġjene.

Matul ix-xhur xitwin, it-turiżmu tax-xitwa huwa attività popolari fl-UE. Minħabba l-aspetti transfruntiera tiegħu, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw bir-reqqa approċċ komuni

¹⁸ <https://data.consilium.europa.eu/do/document/ST-11689-2020-REV-1/en/pdf>

¹⁹ <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19/situation-updates/weekly-maps-coordinated-restriction-free-movement>

²⁰ Pereżempju: <https://reopen.europa.eu/mt/>

bbażat fuq il-koordinazzjoni, il-koerenza u l-evidenza xjentifika. Dan jista' jiġi diskuss fir-Rispons politiku integrat f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (IPCR) fuq il-bażi ta' gwida xjentifika mill-ECDC.

Filwaqt li l-vjaġġ innifsu huwa fattur ta' riskju, it-trażmissjoni ġeneralizzata mifruxa tal-COVID-19 madwar l-Istati Membri tfisser li, fil-preżent, l-ivvjaġġar transfruntier fl-UE ma jippreżentax riskju miżjud sinifikanti. Fil-kuntest tal-ivvjaġġar bl-ajru, u fis-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-UE/ŻEE u fir-Renju Unit u fuq il-bażi tal-evidenza eżistenti, l-ECDC u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) ma jirrakkomandawx il-kwarantina u/jew l-ittestjar tal-vjaġġaturi bl-ajru għas-SARS-CoV-2 meta jivvjaġġaw lejn/minn żoni b'sitwazzjoni epidemjoloġika simili, kif spjegat fil-linji gwida għall-ittestjar għall-COVID-19 u għall-kwarantina tal-vjaġġaturi bl-ajru li ġew ippubblikati fit-30 ta' Novembru. Dak li huwa importanti huwa li jitjieb il-fluss tal-informazzjoni f'każijiet bħal dawn: dan jinkludi proċeduri sempliċi għall-formoli ta' lokalizzazzjoni tal-passiġġieri, fejn possibbli diġitalizzati; rabta effettiva bejn l-informazzjoni transfruntiera u l-kapaċitajiet ta' traċċar tal-kuntatti fil-komunità, b'rispett sħiħ tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data; u komunikazzjoni kkoordinata bejn il-partijiet konċernati tal-avjazzjoni u l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika, kif ukoll l-istabbiliment tal-akkomodazzjoni turistika.

Sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' traċċar tal-kuntatti bejn il-fruntieri, l-Istati Membri huma mħeġġa jappoġġaw l-isforzi kontinwi sabiex tiġi żviluppata Formola diġitali komuni tal-UE għal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri (PLF) u jingħaqdu fil-pjattaforma ta' skambju żviluppata mill-EASA għat-trasport bl-ajru fil-ħin għall-istaġun tal-ivvjaġġar ta' tmien l-2020. Aktar ma jipparteċipaw pajjiżi, akbar ikunu l-benefiċċji f'termini ta' aċċellerazzjoni u ta' simplifikazzjoni tat-traċċar tal-kuntatti marbuta mal-ivvjaġġar.

Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jżommu jew li jintroduċu kwarantini relatati mal-ivvjaġġar, għandhom jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipji tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 u jaqblu dwar approċċ komuni għall-koordinazzjoni tal-miżuri tagħhom u jinformat li-ċittadini qabel ma tidħol fis-seħħ kwalunkwe miżura. Dan għandu jiġi diskuss fl-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR).

AZZJONIJIET RAKKOMANDATI LILL-ISTATI MEMBRI

- *Fejn disponibbli, iħeġġu lill-persuni li jkollhom l-intenzjoni li jivvjaġġaw sabiex jieħdu l-vaċċin kontra l-influwenza staġonali.*
- *Isaħħu l-kampanji ta' komunikazzjoni sabiex jiskoraġġixxu bil-qawwa lill-persuni b'sintomi tal-COVID-19 milli jivvjaġġaw.*
- *Fejn ikun possibbli, l-għażliet u l-kapaċitajiet tat-trasport pubbliku għandhom jiżiedu sabiex jitnaqqas l-iffullar, b'mod partikolari fil-jiem jew fil-ħinijiet mistennija li jkun relattivament aktar imħabbin, sabiex jiġi żgurat it-tbegħid soċjali. L-użu tal-maskri għandu jkun obbligatorju fit-trasport pubbliku u l-vetturi kollha għandu jkollhom ventilazzjoni tajba.*
- *Jiżguraw li l-ħaddiema fis-setturi tat-trasport, tat-turiżmu u oħrajn li huma esposti jingħataw l-informazzjoni u l-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa sabiex jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza tagħhom stess.*
- *Jiżguraw li l-kwarantina u l-ittestjar tal-vjaġġaturi ma jintalbu iżda jekk dan ikun il-każ (jiġifieri fis-sitwazzjoni li fiha pajjiż ikun naqqas il-livelli ta' trażmissjoni għal qrib*

iż-żero), jiżguraw li dawn ir-rekwiżiti jkunu proporzjonati, mhux diskriminatorji, ikkomunikati b'mod ċar u faċli biex jiġu segwiti, u jivvalutaw kif l-ittestjar jista' jwassal għat-tneħħija tal-kwarantina jew ta' restrizzjonijiet oħrajn għall-vjaġġaturi.

- *Meta jiġu imposti rekwiżiti ta' kwarantina għall-ivvjaġġar minn żona ta' riskju għoli, għandu jiġi kkunsidrat li ż-żmien ta' kwarantina jitnaqqas jekk ji wara 7 ijiem mir-ritorn it-test tal-PCR jiġi negattiv.*
- *Jiżguraw li l-infrastruttura tal-ivvjaġġar, li tinkludi l-istazzjonijiet ta' kontroll, tkun imħejjija, mgħammra u jkollha biżżejjed ħaddiema, filwaqt li jiġu rispettati l-protokoll tal-iġjene fis-seħħ, b'tali mod li r-riskji għall-vjaġġaturi jitnaqqsu kemm jista' jkun billi jitnaqqsu ż-żminijiet minimi ta' stennija, l-iffullar u l-konġestjoni.*
- *Jiżguraw li l-miżuri nazzjonali jkunu allinjati mal-prinċipji u mal-mekkaniżmi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.*
- *Jissieħbu fil-pjattaforma ta' skambju żviluppata mill-EASA sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' traċċar tal-kuntatti fuq il-bażi tal-PLFs u jiġu sostnuti l-isforzi lejn PLF diġitali komuni tal-UE.*

5. PRIJORITIZZAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ U TAL-PERSUNAL TAL-KURA TAS-SAĤĤA

Peress li r-rati ta' okkupanza tal-isptarijiet u tal-unitajiet tal-kura intensiva (ICU) u n-numri ta' ammissjonijiet ġodda fl-isptarijiet għadhom għoljin u qed jiżdiedu fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE, huwa ta' importanza kbira li l-kapaċità u l-persunal tal-kura tas-saħħa jiġu ffokati u jingħataw prijarità. Minħabba l-probabbiltà għolja ta' żieda fil-każijiet tal-COVID-19 f'każ ta' llaxkar tal-miżuri fl-istess żmien tal-perjodu tal-festi, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li s-sistemi tas-saħħa tagħhom ikunu lesti għal possibbiltà ta' żieda fl-ammissjonijiet. Għandhom jevitaw kull riskju ta' skarezza ta' tagħmir u ta' materjali essenzjali, kif ukoll jiżguraw il-benesseri tal-persunal tal-kura tas-saħħa li qed jaffaċċja pressjoni enormi u li fuqu tiddependi s-sistema.

Minbarra l-isptarijiet, il-fornituri tal-kura primarja huma involuti fil-ġlieda kontra l-infezzjonijiet u kontra l-konsegwenzi tal-mard b'diversi modi: l-implimentazzjoni ta' sistema ta' triage b'mod koordinat u trasparenti, l-ittestjar, l-appoġġ għall-kwarantina, u l-għoti ta' rispons psikosoċjali. Xi awtoritajiet pubbliċi fl-Ewropa stabbilew kliniki tad-deni bħala l-arranġamenti ta' kura primarja. Ir-rwol tal-prattikanti ġenerali fil-kontroll tat-tixrid tal-COVID-19 fil-komunità sar dejjem aktar importanti minħabba r-rwol ewlieni tagħhom fl-ittestjar u fit-traċċar tal-kuntatti, kif ukoll fl-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-kura tad-dijanjożi ta' wara l-COVID-19 u fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kura tal-popolazzjoni ġenerali. Sabiex jagħtu spinta lill-kapaċità, ħafna pajjiżi ħolqu siti ta' kura alternattiva f'bini konvertiti jew fi sptarijiet mobbli fuq il-post, użaw faċilitajiet ta' kura soċjali kif ukoll forom ġodda ta' sħubijiet pubbliċi-privati sabiex iwieġbu b'mod soċjalment responsabbli għad-domanda nazzjonali.²¹

L-indirizzar u l-iżgurar tal-benesseri tal-persunal kollu tal-kura tas-saħħa għadhom prijarità assoluta. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiggarrantixxu aċċess għal tagħmir protettiv personali u adegwat għall-persunal kollu tal-kura tas-saħħa, kif ukoll għal servizzi ta' appoġġ sabiex jittaffa l-impatt fuq is-saħħa mentali mil-livelli ta' stress eċċezzjonali li l-professjonisti tas-saħħa ġew soġġetti għalihom matul il-kriżi. Il-garanzija ta' aċċess f'waqtu għal appoġġ

²¹ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/expert_panel/docs/026_health_socialcare_covid19_en.pdf

b'rabta mas-saħħa mentali għall-professjonisti fil-kura medika hija importanti speċjalment fid-dawl ta' evidenza emerġenti li tissuġġerixxi li l-ħsara psikoloġika mill-kriżi tas-saħħa jista' jkollha effetti dejjiema fuq il-benesseri tagħhom. Pereżempju, fl-Italja, stħarriġ fost il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa f'Marzu 2020 sab sintomi akbar ta' stress, ta' ansjetà, ta' dipressjoni u ta' insomnja, speċjalment fost il-ħaddiema tal-ewwel linja u fost it-tfajliet. Fi Spanja, ir-riċerka sabet li f'April 2020, 57 % tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa ppreżentaw sintomi ta' disturb minn stress postrawmatiku²².

B'mod parallel għal dan, il-kontinwazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa għajr dawk marbuta mal-COVID-19 huma daqstant ieħor importanti. Il-pandemija attwali kellha – u għad għandha – implikazzjonijiet kbar fuq id-dijanjożi u fuq it-trattament ta' mard ieħor u ta' problemi tas-saħħa li jinkludu l-kanċer. Waqt perjodi ta' trażmissjoni komunitarja konsiderevoli, ġie osservat tfixkil temporanju fl-aċċess u fl-għoti ta' kura medika ta' rutina u mhux ta' emerġenza. Pereżempju, diversi pajjiżi, bħall-Italja, irrapportaw li l-ammissjonijiet minħabba attacki tal-qalb akuti naqsu b'mod sinifikanti matul il-pandemija tal-COVID-19, b'żieda parallela fir-rati ta' fatalità u ta' kumplikazzjoni²³. Barra minn hekk, fi Franza, l-għadd ta' dijanjożi tal-kanċer naqas b'35-50 % f'April 2020, meta mqabbel ma' April 2019²⁴, u r-Reġistru tal-Kanċer tan-Netherlands ra tnaqqis li jlaħħaq mal-40 % fl-inċidenza tal-kanċer fil-gimgha²⁵. Dan minkejja li ħafna pajjiżi qed jagħtu prijorità lis-servizzi tal-kanċer, dawk kardjovaskulari u tad-dijabete.

Barra minn hekk, fil-qasam tal-provvista u tal-użu tad-demmi għat-trasfużjoni, l-istudji jindikaw li l-pajjiżi għandhom jantiċipaw tnaqqis fid-donazzjonijiet kif ukoll telf ta' persunal kruċjali minħabba mard u minħabba restrizzjonijiet marbuta mas-saħħa pubblika²⁶. L-ippjanar ta' kontinġenza jinkludi politiki ta' prijoritizzazzjoni għall-pazjenti f'każ ta' skarsezzi prevsiti.

Id-dewmien jew l-evitar tal-kura medika minħabba l-COVID-19 huwa wkoll qasam ta' tħassib partikolari, peress li jista' jżid r-riskju ta' morbidità u ta' mortalità assoċjat ma' kundizzjonijiet tas-saħħa li jistgħu jiġu kkurati u li jistgħu jiġu evitati u jista' jikkontribwixxi għal imwiet eċċessivi rrapportati relatati b'mod dirett jew indirett mal-COVID-19. Filwaqt li l-kontroll tal-pandemija huwa ta' importanza kbira, l-effett fit-tul fuq individwi b'mard li ma jittexidx huwa sinifikanti. Dan il-mard jidher li jżid is-severità tal-COVID-19 u r-riskju ta' mortalità, u l-infezzjoni bis-SARS-CoV-2 fis-sopravvissuti b'mard li ma jittexidx tista' taffettwa wkoll il-progressjoni tal-kundizzjonijiet kliniċi preeżistenti tagħhom. Barra minn hekk, it-tbeġid fiżiku u r-restrizzjonijiet permezz ta' kwarantina se jnaqqsu l-attività fiżika u se jagħtu spinta lil stili ta' ħajja ħżiena għas-saħħa, u b'hekk iżidu fatturi ta' riskju ta' mard li ma jittexidx u jaggravaw is-sintomi kliniċi. Ħafna pajjiżi għamlu tibdiliet fil-ġestjoni ta' rutina tal-pazjenti, eż. ħassru żjarat tal-outpatients mhux urġenti, li se jkollhom implikazzjonijiet importanti għall-ġestjoni ta' mard li ma jittexidx, għad-dijanjożi ta' mard li jevolvi għid, għall-aderenza mediċinali u għall-progressjoni tal-mard²⁷.

²² https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/state/docs/2020_healthatglance_rep_en.pdf

²³ De Rosa, Spaccarotella et al. 2020

²⁴ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/state/docs/2020_healthatglance_rep_en.pdf

²⁶ <https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2352302620301861>

²⁷ <https://europepmc.org/article/pmc/pmc7248450>

Il-Kummissjoni qed taħdem ma' kumpaniji farmaċewtiċi sabiex jinkiseb aċċess għal terapewtiċi ġodda li bħalissa għaddejjin mill-proċess ta' approvazzjoni regolatorja (eż. antikorpi), u se tiżgura li l-iżviluppi jiġu kondiviżi malajr mal-Istati Membri.

AZZJONIJIET RAKKOMANDATI LILL-ISTATI MEMBRI

- *Jiżguraw li s-servizzi tal-kura tas-saħħa jissaħħu minħabba żieda fl-ammissjonijiet fl-isptarijiet u fl-ICU fid-dawl tal-istaġun tal-festi li ġej, pereżempju billi jistabbilixxu pjanijiet speċifiċi għall-kontinwità operazzjonali dwar il-COVID-19, isaħħu l-kapaċitajiet ta' persunal u ta' tagħmir li jiżguraw iż-żamma tal-kapaċità tal-persunal tal-kura tas-saħħa filwaqt li jagħtu lok għal xi mistrieħ.*
- *Jieħdu passi sabiex jimmassimizzaw l-aċċessibbiltà tas-servizz tal-kura primarja bl-għan li jtaffu l-pressjoni fuq l-isptarijiet, inkluż billi jespandu r-rwol tal-infermiera, tal-ispiżjara u tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa komunitarja, u billi jżidu l-użu tas-servizzi tat-tele-saħħa, bl-għan li jippreservaw il-kontinwità tal-kura għal pazjenti mhux tal-COVID-19.*
- *Jissorveljaw bir-reqqa l-kapaċitajiet tat-tagħmir u tal-materjali tal-kura tas-saħħa meħtieġa, u jagħmlu użu mill-Akkwisti Konġunti u minn appoġġ finanzjarju ieħor rilevanti, inkluż l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII)²⁸ magħmula disponibbli mill-Kummissjoni.*
- *Il-pajjiżi għandhom jiżviluppaw strateġiji integrati għas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-kura għall-mard u għal problemi mediċi għajr dawk marbuta mal-COVID-19 tkun tista' titkompla u tkun salvagwardjata.*
- *Ikomplu jinvestu fit-taħriġ ta' persunal ġdid, inkluż permezz tan-network Ewropew Online tal-persunal tal-kliniki u permezz tal-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ dwar il-COVID-19 għall-professjonisti fil-kura medika (inkluż permezz ta' akkademja virtwali) fi sħubija mal-federazzjonijiet Ewropej, bħas-Soċjetà Ewropea tal-Mediċina għall-Kura Intensiva.*
- *Iħeġġu liċ-ċittadini jsegu s-servizzi mediċi kollha meħtieġa, inklużi dawk li jsiru fl-isptarijiet.*
- *Il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa għandhom jiżguraw ukoll li l-PPE l-aktar protettiv ikun disponibbli issa u fix-xhur li ġejjin u li jintuża kif xieraq sabiex jiġu ssalvagwardjati dawk li jipprovdu kura lill-pazjenti u kura fid-djar tal-anzjani.*
- *Appoġġ lill-persunal tal-kura tas-saħħa sabiex ilaħħaq maż-żieda fil-pressjoni minħabba l-pandemija (eż. billi jistabbilixxu hotlines ta' appoġġ mingħajr hłas, servizz ta' appoġġ bejn il-pari mingħajr hłas, jipprovdu informazzjoni li tgħin fil-ġestjoni tal-benesseri u tas-saħħa mentali).*

6. L-INDIRIZZAR TAL-“GĦEJA TAL-PANDEMIJA”

Il-qawmien mill-ġdid tal-COVID-19 matul din il-ħarifa inevitabilment ġab diżappunt fost l-Ewropej li kellhom jaffaċċjaw restrizzjonijiet li ħasbu li ormaj żmienhom kien għadda. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tistma li madwar 60 % tal-pajjiżi fir-reġjun

²⁸ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_1864

Ewropew bħalissa qed jesperjenzaw forma ta' "għeja tal-pandemija"²⁹. In-nies għajjew jieħdu l-azzjonijiet ta' prekawzjoni meħtieġa, li jinkludu t-tbeġħid fiżiku, interazzjonijiet soċjali mnaqqsa u restrizzjonijiet ekonomiċi. Dan jagħmel ir-restrizzjonijiet essenzjali aktar diffiċli sabiex jiġu implimentati, u jipprovdi art għammiela għal diżinformazzjoni dwar il-pandemija.

L-għeja tal-pandemija hija rispons mistenni u naturali għal kriżi tas-saħħa pubblika fit-tul fuq l-iskala tal-COVID-19. Għalhekk, huwa importanti li l-Istati Membri jindirizzaw u jagħrfu din il-problema. L-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa żviluppa gwida sabiex isostni lill-pajjiżi fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni multifattorjali sabiex iżommu u jsaħħu l-appoġġ pubbliku għal imġiba protettiva³⁰.

Minbarra l-għeja tal-pandemija, l-impatt tal-COVID-19 fuq is-saħħa mentali tal-popolazzjonijiet ma għandux jiġi ssottovalutat. It-tħassib u d-distabbilizzazzjoni li qed tħoss il-popolazzjoni inġenerali jistgħu jkunu partikolarment akuti fost l-aktar gruppi vulnerabbli bħall-adulti anzjani jew il-persuni b'kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti, dawk li jgħixu waħedhom, jew il-persuni b'diżabilità. Il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tal-kura huma partikolarment esposti, u għandhom jiġu promossi l-aħjar Prattiki sabiex jitnaqqas l-impatt fuq dawn il-ħaddiema u fuq ħaddiema oħrajn tal-ewwel linja.

Sal-lum l-impatt psikoloġiku ewlieni huwa rrappreżentat minn livelli oġhla ta' stress jew ta' ansjetà³¹. Iżda hekk kif qed jiġu introdotti miżuri ġodda – speċjalment l-obbligi biex wieħed jibqa' d-dar, il-kwarantina u l-curfews fit-tul u l-effetti taġġhom fuq l-attivitajiet tas-soltu, fuq ir-rutini jew fuq l-għajxien ta' ħafna nies – jiżdiedu wkoll il-livelli ta' solitudni, ta' dipressjoni, ta' użu dannuż tal-alkoħol u tad-droga, u l-ħsara li n-nies jagħmlu fuqhom infushom, il-vjolenza domestika jew l-imġiba suwiċidali³². L-Istati Membri għandhom jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet u jiżguraw li jiġu stabbiliti miżuri u servizzi xierqa għal dawk fil-bżonn.

AZZJONIJIET RAKKOMANDATI LILL-ISTATI MEMBRI

- *Jikkomunikaw b'mod ċar liċ-ċittadini u lill-komunitajiet dwar miżuri ġodda, ir-raġunijiet għaliex dawn qed jiġu implimentati u meta u kif jistgħu jitneħħew. Jekk ikun possibbli, jorbtuhom ma' ċerti miri, bħall-valur ta' riproduzzjoni, sabiex il-miżuri jsiru tanġibbli u jkunu jistgħu jinftiehem. Huwa essenzjali li ċ-ċittadini jkunu konvinti mill-miżuri u li jobduhom.*
- *Jiżguraw id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali u l-aċċess faċli għalihom għall-persuni fil-bżonn, li jinkludu l-ħaddiema tal-ewwel linja u dawk essenzjali jew il-fornituri tas-servizzi (eż. hotlines ta' appoġġ mingħajr ħlas). Jipprovdu appoġġ lill-persuni b'diżabilità u lill-popolazzjonijiet vulnerabbli.*
- *Il-pjattaforma tal-politika tas-saħħa għabret flimkien il-partijiet konċernati sabiex jidentifikaw għadd għmielu ta' Prattiki tajbin mill-ewwel mewġa tal-pandemija li jistgħu jiġu promossi bl-appoġġ tal-Kummissjoni fuq talba tal-Istati Membri.*

²⁹ <https://www.euro.who.int/en/health-topics/health-emergencies/coronavirus-covid-19/statements/statement-rising-covid-19-fatigue-and-a-pan-regional-response>

³⁰ <https://apps.who.int/iris/bitstream/handle/10665/335820/WHO-EURO-2020-1160-40906-55390-eng.pdf>

³¹ <https://ec.europa.eu/jrc/en/news/covid-19-and-counter-measures-both-detrimental-mental-health>

³² <https://www.euro.who.int/en/health-topics/health-emergencies/coronavirus-covid-19/publications-and-technical-guidance/noncommunicable-diseases/mental-health-and-covid-19>

7. L-IMPORTANZA TA' STRATEĠIJI DWAR IL-VAĊĊINI KONTRA L-COVID-19

Hekk kif l-Ewropa qed titgħallem tgħix mal-pandemija, l-iżvilupp u t-tnedija rapidi fuq livell globali ta' vaċċini sikuri u effettivi kontra l-COVID-19 għadhom element essenzjali fis-sejbien ta' soluzzjoni eventwali għall-kriżi tas-saħħa pubblika. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE tas-17 ta' Ġunju għall-vaċċini kontra l-COVID-19³³, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri qed jiżguraw il-produzzjoni ta' vaċċini kontra l-COVID-19 permezz ta' Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem mal-produtturi tal-vaċċini. Kull vaċċin jeħtieġ li jiġi awtorizzat mill-Kummissjoni wara analiżi rigoruża mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini skont standards regolari dwar is-sikurezza u l-effikaċja.

Il-Kummissjoni stipulat ukoll il-ħtieġa li l-aċċess għal vaċċini sikuri u effettivi madwar l-Ewropa jkun akkumpanjat minn approċċ koordinat ta' strateġiji dwar il-vaċċinazzjoni għall-varar tal-vaċċini. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi tat-trasport u l-loġistika meħtieġa għall-konsenja sikura tal-vaċċini jkunu ppjanati kif xieraq. F'każ ta' bżonn, il-Kummissjoni tinsab lesta li ssostni lill-Istati Membri fil-varar tal-vaċċini permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u permezz ta' skemi rilevanti oħra. Fil-15 ta' Ottubru³⁴, il-Kummissjoni ppreżentat l-elementi ewlenin li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw għall-istrateġiji tagħhom ta' vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 sabiex jiżguraw il-varar ordnat u f'waqtu, b'rabta mal-kapaċitajiet meħtieġa tas-servizzi ta' vaċċinazzjoni, mal-aċċess faċli, affordabbli u idealment mingħajr ħlas għall-popolazzjoni, mal-kapaċitajiet ta' trasport u ta' ħżin, u mal-komunikazzjoni maċ-ċittadini dwar il-benefiċċji, ir-riskji u l-importanza tal-vaċċini kontra l-COVID-19. Billi n-numru globali tad-dożi tal-vaċċini se jkun limitat matul l-istadji inizjali tal-varar u qabel ma l-produzzjoni tkun tista' tissaħħaħ, il-Komunikazzjoni tipprovdi wkoll eżempji ta' gruppi ta' prijorità li għandhom jieħdu l-vaċċin l-ewwel.

L-Istati Membri għandhom għarfien u esperjenzi komuni, u rrapportaw dwar l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali dwar il-vaċċinazzjoni, inkluża d-definizzjoni ta' gruppi u ta' komunitajiet tal-popolazzjoni li se jingħataw prijorità għall-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19. Il-gruppi fil-mira ta' prijorità ddefiniti mill-Istati Membri li jirrapportaw jinkludu persuni akbar fl-età, il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, il-ħaddiema ta' servizz pubbliku essenzjali apparti l-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, il-persunal fil-qasam tat-trasport, il-persuni b'mard kroniku, il-persuni b'diżabilità u l-assistenti soċjali. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li rrapportaw dwar is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġiji tagħhom ta' vaċċinazzjoni qed jippjanaw li joffru l-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 mingħajr ħlas, u xi wħud se jkunu qed jużaw iċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni mifruxa madwar pajjiżhom sabiex jiżguraw li jilħqu l-popolazzjonijiet f'żoni rurali jew gruppi li għandhom diffikultajiet sabiex jaċċessaw servizzi jew ċentri tal-vaċċinazzjoni.

Ħafna pajjiżi Ewropej bħalissa qed jirrevedu l-infrastrutturi tal-vaċċinazzjoni tagħhom, b'mod partikolari sabiex jiżguraw kapaċità addizzjonali tal-katina ta' tkessiħ, u qed isaħħu s-servizzi eżistenti ta' vaċċinazzjoni billi jirreklutaw u jħarrġu persunal addizzjonali fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Fir-rigward tat-tagħmir mediku u tat-tagħmir protettiv personali meħtieġ għas-servizzi tal-vaċċinazzjoni, ħafna mill-Istati Membri li rrapportaw qed jippjanaw li jużaw ir-riżervi attwali, iżda ħafna pajjiżi qed jippjanaw ukoll li jaħżnu oġġetti permezz ta' proċeduri tal-akkwist konġunt nazzjonali jew tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' oġġetti meħtieġa

³³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1597339415327&uri=CELEX:52020DC0245>

³⁴ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/vaccination/docs/2020_strategies_deployment_en.pdf

b'mod speċifiku għall-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19. F'każ li l-kapaċitajiet nazzjonali ma jkunux jistgħu jlaħḥqu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili permezz kemm tar-Riżerva tal-UE ta' Protezzjoni Ċivili kif ukoll tar-riżerva tar-rescEU ta' tagħmir mediku ta' emerġenza. Flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, l-ECDC ippubblika l-“Overview of current EU/EEA and UK deployment and vaccination plans for COVID-19 vaccines”. Fuq il-bażi ta' dan id-dokument, tad-diskussjonijiet fil-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u tal-istħarriġiet tal-ECDC, il-Kummissjoni se tqis il-ħtieġa għal aktar gwida dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' vaċċinazzjoni għall-COVID-19.

Ladarba l-vaċċini tal-COVID-19 isiru disponibbli, u mbagħad ikun magħruf liema vaċċini u b'liema karatteristiċi u rekwiżiti speċifiċi se jidħlu fis-suq, il-Kummissjoni tippubblika rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar kif dawn il-vaċċini jistgħu jintużaw u jiġu varati bl-aħjar mod. B'mod parallel, il-Kummissjoni u s-SEAE se jkomplu jikkomunikaw mad-WHO u mas-sħab internazzjonali sabiex isostnu aċċess u varar globali tal-vaċċini kontra l-COVID-19, minbarra li jmexxu r-rispons globali b'appoġġ tal-pajjiżi sħab u jiskambjaw l-aħjar prattika dwar il-miżuri għall-kontroll u għall-qerda tal-pandemija.

Ir-reġistri tal-vaċċini, ibbażati fuq karta stampata jew fil-forma ta' Sistemi ta' Informazzjoni dwar l-Immunizzazzjoni (IIS), huma implimentati fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, jew jinsabu fil-proċess li jiġu aġġornati, u se jkunu fundamentali sabiex jiżguraw li tkun tista' tiġi pproċessata d-data dwar il-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19. Dawn huma għodda importanti għall-programmi ta' vaċċinazzjoni. Huma jżommu data kemm fil-livell personali kif ukoll fil-livell tal-popolazzjoni, u huma riżorsa prezzjuża għall-individwi u għall-komunità. L-individwi jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet informati dwar il-vaċċinazzjoni, filwaqt li t-titjib tal-kapaċità li jinstabu mudelli ta' vaċċinazzjoni fil-komunità jwassal għal programmi ta' vaċċinazzjoni mmirati aħjar u, konsegwentement, għal saħħa pubblika aħjar.

L-Istati Membri kollha li rrapportaw qed jixtar b'mod attiv il-komunikazzjoni dwar il-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19, u ħafna qed iħejju pjanijiet ta' komunikazzjoni dedikati. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri sabiex issostni l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħhom fir-rigward taċ-ċittadini dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19 sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati.

Bil-vaċċini issa daqt magħna, qed isiru sforzi f'livell internazzjonali sabiex tkompli tingħata spinta lill-iżvilupp ta' sistemi elettroniċi ta' informazzjoni dwar il-vaċċinazzjoni u ta' ċertifikati tal-vaċċinazzjoni, inkluż f'forom diġitali sabiex jiġu żgurati l-monitoraġġ mill-qrib tal-vaċċinazzjoni u s-sorveljanza tal-effetti negattivi u sabiex iċ-ċittadini jiġu pprovduti b'għodda affidabbli sabiex juru l-istatus tal-vaċċinazzjoni. Approċċ komuni għal ċertifikati ta' vaċċinazzjoni fdati, affidabbli u verifikabbli madwar l-UE jkun ta' sostenn qawwi għar-rispons tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri u għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-isforz ta' vaċċinazzjoni.

AZZJONIJIET RAKKOMANDATI LILL-ISTATI MEMBRI

- *Ikomplu jiżviluppaw l-istrateġiji dwar il-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19, filwaqt li jqisu l-elementi enfasizzati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2020 u fil-pariri tal-ECDC.*
- *L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-ECDC dwar l-istrateġiji ta' vaċċinazzjoni tagħhom kontra l-COVID-19, u jaqsmu l-għarfien u l-esperjenzi tagħhom, anki fil-*

kuntest ta' fora bħall-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u tal-kollaborazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi Tekniċi Nazzjonali għall-Immunizzazzjoni (NITAG).

- *L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-isforzi sabiex jindirizzaw il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni dwar vaċċin possibbli kontra l-COVID-19, f'koordinazzjoni u f'kollaborazzjoni ma' korpi internazzjonali u ma' pjattaformi online. Il-Kummissjoni se tiffaċilita dawn l-isforzi.*

8. TMIEM IS-SENA DIFFERENTI

Matul l-2020, l-Ewropa għamlet avvanzi konsiderevoli fil-fehim ta' kif għandha tiġi ġestita l-pandemija tal-COVID-19. Vaċċini promettenti jistgħu jgħibu l-pandemija fi tmiemha. Iżda r-realtà hija li l-UE għadha qed taffaċċja diversi xhur diffiċli qabel ma l-varar fuq skala kbira tal-vaċċini jippermetti titjib sinifikanti f'ħajjet iċ-ċittadini. Sadanittant, ir-rilassament tal-miżuri jrid isir b'mod gradwali. Għandha tiġi evitata dieskalazzjoni mgħagħla tal-miżuri protettivi, għaliex inkella din tista' twassal għal miżuri ta' kontroll aktar b'saħħithom u aktar restrittivi wara ċ-ċelebrazzjonijiet ta' tmiem is-sena u fuq perjodu itwal ta' żmien. L-appoġġ u l-konvinzjoni taċ-ċittadini se jkunu deċiżivi sabiex jingħeleb dan il-perjodu diffiċli. L-appoġġ għal dawk li s-saħħa mentali tagħhom intlaqtet ħażin mill-pandemija huwa element kruċjali sabiex iċ-ċittadini tal-UE jiġu megħjunin b'mod kollettiv ikampaw bir-restrizzjonijiet fuq il-ħajja ta' kuljum tagħhom għal aktar żmien. B'mod simili, huwa essenzjali li jingħata appoġġ lil dawk in-negozji u lill-impjegati li qegħdin ibatu minħabba r-restrizzjonijiet meħtieġa.

Il-proporzjonalità tal-miżuri introdotti u komunikazzjoni ċara rigward il-miżuri imposti, u r-raġuni warajhom, se jkunu tal-akbar importanza fix-xhur li ġejjin. In-nuqqas ta' konsistenza fl-Istati Membri kien sors ewlieni ta' konfużjoni għal ħafna ċittadini tal-UE matul dan il-perjodu. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li l-Istati Membri jkomplu jikkoordinaw l-approċċi tagħhom mal-Kummissjoni Ewropea u li jżommu lil xulxin informati b'mod ċar dwar il-miżuri li qed jieħdu, u l-qafas tat-teħid ta' deċiżjonijiet li qed joperaw fih.

Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE għadhom essenzjali għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' qafas ta' kontroll koerenti bbażat fuq l-evidenza sabiex tingħeleb il-pandemija b'mod sostnut u effettiv. L-Istrateġija tal-UE għall-vaċċini kontra l-COVID-19, li wasslet għall-ftehimiet ta' xiri bil-quddiem tal-UE dwar il-vaċċini, turi li sforzi konġunti jagħtu riżultati aħjar. Din għandha sservi bħala mudell għal approċċ komuni strutturat li jwieġeb għall-COVID-19.

B'dawn il-miżuri, l-UE se tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tegħleb il-pandemija. Dan se jkun tmiem is-sena differenti. Wieħed b'restrizzjonijiet, b'maskri u bi tbeġħid soċjali. Madankollu, din se tkun okkażjoni sabiex wieħed jistrieħ u sabiex iħejji ruħu għall-isfida kontinwa li ġgħib magħha l-pandemija. **L-isforzi ta' kulħadd jgħoddu.**